**91. Il-Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Ġuże Cassar, jipproponi:**

Billi b'riżoluzzzjoni tas-Seduta Nru. 419 approvat l-għotja ta' art f'Saint Andrews limiti ta' San Ġiljan lill-Medisle Holidays Company Limited skond il-kundizzjonijiet ta' l-Abbozz ta' Ftehim anness ma' l-istess riżoluzzjoni;

U billi l-imsemmija Kumpannija talbet lill-Gvern biex jimmodifika l-istess ftehim kif jidher fl-abbozz ta' kuntratt imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-art f'Saint Andrews limitit ta' San Ġiljan tista' tiġi mogħtija lill-imsemmija kumpannija Medisle Holidays Company Limited, skond il-pattijiet u kundizzjonijet li hemm fl-abbozz ta' kuntratt fuq imsemmi.

08.07.1983